MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 778/2001/1

**John Mifsud.**

**-vs-**

**Angelo Farrugia, Emmanuel Farrugia u Michael Bezzina u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2006 l-Avukat Leslie Cuschieri u l-P.L. Liliana Buhagiar ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw il-minuri Donalee Farrugia, eredi ta' l-istess Angelo Farrugia li miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-4 ta' Mejju, 2001 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien ippreżenta kawża ta' spoll kontra l-konvenuti (Ċitaz. Nru. 1885/96) wara li l-istess konvenuti u/jew nies imqabbda minnhom kienu qabdu u daħlu fil-proprjeta' tiegħu fil-proprjeta' tiegħu u cioe' il-barriera "Ta' Mona", f'Siġġiewi Road, Imqabba u wadbu terrapien fl-istess barriera ad insaputa ta' l-istess attur;

Illi din l-istess Onorabbli Qorti b'sentenza tal-11 ta' Diċembru, 2000, laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenuti sabiex fi żmien tliet xhur jirripristinaw l-istess parti mill-barriera, proprjeta' tal-attur billi jneħħu t-terrapien u materjal kollu li ntefa' ġewwa fiha, taħt is-sorveljanza tal-AIC Renato Laferla ui fin-nuqqas li l-konvenuti jottemperaw ruħhom mal-ordni fit-terminu prefiss, awtorizzat lill-istess attur sabiex a spejjeż tal-konvenuti u taħt is-sorvelvanza tal-istess perit jirripristina l-istess barriera billi jneħħi l-materjal kollu li jintefa' ġewwa fiha, liema sentenza qed tiġi esebita bħala Dokument A, illi dik is-sentenza għaddiet in ġudikat billi ma sarx appella minnha;

Illi l-imsemmi terminu ta' tliet xhur skada u l-konvenuti naqsu li jottemperaw ruħhom mal-ordni tal-Qorti;

Illi meta l-attur inkariga lill-AIC Renato Laferla sabiex jagħmel stima lix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru, ġie nfurmat li dawn ix-xogħlijiet jammontaw għal mija u sebgħa u għoxrin elf ħames mija tmienja u ħamsin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm127.588.80) (kopja ta' liema stima qed tiġi esebita bħala Dokument B) somma li l-attur mhux f'pożizzjoni li jħallas biex jieħu s-sodisfazzjon lilu kanonizzat bis-sentenza appellata.

Illi l-konvenuti ma ottemperawx ruħhom mas-sentenza biex iġibu l-proprjeta' tal-attur status ġew.

Li b'dan l-inadempenza tagħhom il-konvenuti qed jirrendu ruħhom fi stat ta' illegalita' permanenti kontra dak li ġew

kundannati jeseġixxu u dan ikkunstitwixxi d-disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti.

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

i) Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom ħatja ta' disprezz ta' dina l-Onorabbli Qorti;
ii) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għaldan id-disprezz u sakemm jipperdina l-istess disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Emmanuel aħwa Farrugia ppreżentata fl-1 ta' Ġunju, 2001 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni odjerna u dan peress illi l-attur ma għandu l-ebda interess ġuridiku u dan stante illi ladarba l-azzjoni saret bil-proċedura taċ-ċitazzjoni, allura kellu jkun ir-Reġistratur tal-Qorti li jkollu s-setgħa jistitwixxi proċeduri għad-disprezz.

2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, u in linea preliminari, in-nullita' taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet premessi stante li ma ġietx osservata l-proċedura rikjesti mil-Liġi u dan in vista tal-fatt illi l-attur kull ma seta' jagħmel kien li jintavola rikors fl-atti għad-disprezz dejjem jekk jeżistu tali ċirkostanzi, u mhux proċeduri indipendenti.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, u in linea preliminari, in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante illi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 11 ta' Diċembru, 2000

imsemmija fiċ-ċitazzjoni odjerna, ipprovdiet għal żewġ rimedji lill-atturi, u cioe' jew li x-xogħlijiet isiru a karigu tal-eċċipjenti jew fin-nuqqas li l-attur jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa a spejjeż tal-eċċipjenti. Illi l-istat ta' fatt espost mill-attur fil-premessi, u cioe' li huwa ma huwiex f'pożizzjoni li jħallas biex jieħu s-sodisfazzjoni lilu kanonizzat, ma jifformax parti minn dak ġudikat fis-sentenza msemmija, u għalhekk din l-OnorabbliQorti ma tistax issib ħtija ta' disprezz meta l-attur għadu huwa stess ma eżawriex dak li tistipula s-sentenza msemmija.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Michael Bezzina ppreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2001 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi r-rimedju tad-disprezz tal-Qorti huwa inapplikabbli fis-sens illi dan japplika meta parti turi disprezz jew kontumelja lejn l-awtorita' tal-Qorti u mhux meta ordni hija rimedju ċivili.

2. Illi t-Titolu XXVII tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi essenzjalment għall-atti jew *in facie curiae* jew bon ordni jew offiżi li jammontaw għal disprezz. Illi jiġi rilevat li d-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti huwa proċediment li huwa wkoll fin-natura ta' provediment penali;

3. Illi fi kwalunkwe każ l-attur ingħata sanzjoni kif proposta mill-istess Qorti li allura jeskludi d-disprezz kif propost;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti Farrugia.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kundannati għal disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti in vista tal-fatt li huma naqsu li jobdu l-ordni tal-Qorti kontenuta fis-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-11 ta' Diċembru, 2000. Permezz ta' din is-sentenza l-konvenuti kienu ġew kundannati biex *fi żmien tliet xhur jirripristinawl-istess parti mill-barriera, proprjeta' tal-attur billi jneħħu t-terrapien u materjal kollu li ntefa' ġewwa fiha u dana taħt is-orveljanza tal-AIC Renato Laferla, u fin-nuqqas li l-konvenuti jottomperaw ruħhom ma' l-ordni fuq mogħtija fit-terminu prefiss, tawtorizza lill-istess attur sabiex a spejjeż tal-konvenuti u taħt is-sorveljanza ta' l-istess perit nominat jirripristina l-barriera billi jneħħi l-materjal kollu li ntefa' ġewwa fiha mill-konvenuti.*

L-eċċezzjonijet li dwarhom trid tippronunzja ruħha l-Qorti huma fil-fatt konnessi għaliex il-konvenuti qed jeċċepixxu li l-attur ma għandu ebda interess ġurdiku fi proċeduri ta' disprezz u allura ma setax jistitwixxi l-kawża kif proposta iżda kellu jippreżenta rikors u jitlob lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jipproċedi kontra l-konvenuti.

Fil-fatt l-Artiklu 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi *f'kull proċediment għal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti mehtiega u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur.*

Fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2002 fil-kawża fl-ismijiet Francis Napier vs Emanuel Galea din il-Qorti qalet illi *m'hemmx dubbju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali ukoll jekk jieħu sura ta' proċeduri ċivili. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbieh jew tehid minn min ikun ta' inizjattiva li ma hijiex mogħtija lilu bil-liġi. Illi l-liġi tfisser min għandu jibda l-proċeduri ta' disprezz fl-Artiklu 1003A tal-Kapitlu 12. F' dak l-artiklu persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija hija r-Reġistratur tal-Qorti.*

L-istess ħsibijiet ġew riflessi fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Reġistratur tal-Qorti vs Adrian Grima pro et noe deċiża fil-25 ta' Settembru, 2003.

**Għalhekk ma hemmx dubbju fil-fehma tal-Qorti illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti huma ġustifikati. Huwa minnu li l-attur fil-mori tal-kawża ittenta wkoll li jibda l-proċedura skond l-Artiklu 1003A u t-talba tiegħu ġiet miċħuda, iżda dan ma jfissirx li huwa seta' jieħu l-inizjattiva biex jitlob kundanna għal disprezz meta tali inizjattiva jista' jeħodha r-Reġistratur tal-Qorti fuq ordni ta' l-istess Qorti. Il-Qorti m'hijiex se tidħol f'dawk li setgħu kienu r-raġunijiet għala l-Qorti adita mill-attur ċaħditlu t-talba in kwistjoni ladarba dik il-Qorti ma għamlitx dan.**

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi, l-ispejjeż kontra l-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------